**Minuti tal-mitejn u tmienja u sebgħin laqgħa tal-Kunsill Lokali Xagħra li saret fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill nhar il-Erbgħa, 25 ta' Lulju, 2012, fil-5.30 p.m. Din hija wkoll is-sitt laqgħa tas-sitt leġislatura ta' dan il-Kunsill.**

Il-laqgħa bdiet b'dawn il-membri preżenti-

| | |
|---|---|
| Sindku : | Is-Sur Joseph Cordina |
| Viċi Sindku : | Is-Sur Aaron Aġius |
| Kunsilliera : | Dr. Christian Żammit |
| | Is-Sur Victor Żammit |
| | Dr. Joseph Attard |
| | Dr. Kevin Cutajar u |
| | Is-Sinjura Maria Grima |
| Uffiċċjali | |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Mark Formosa |

**QARI, KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

Il-Kunsill approva unanimament il-minuti tal-Laqgħa Numru 277 li saret nhar it-Tlieta, 10 ta' Lulju, 2012, wara li saru l-korrezzjonijiet approvati.

**Punti mqajjma mill-Minuti**

Is-Sindku, informa lill-Kunsill li saret laqgħa bejnu u bejn il-Head Operations Arriva u mal-Head Transport Malta f'Għawdex. Huwa qal li fuq ir-rotta li tgħaddi mill-inħawi tal-Kortoll baqa' kollox l-istess filwaqt li dwar ir-rotta ta' Marsalforn x'aktarx li il-ħinjiet ser jiġu estizi.

Il-Kunsillier Dr Kevin Cutajar semma il-bozza ta quddiem Xi-Xi restaurant fi-Vjal 8 ta' Settembru, fejn qal li din imkissra u għandha bzonn tinbidel. Is-Sindku qal li fuq id-dwal ta Vjal 8 ta Settembru hemm problema bil-parts għax mhux qedgħin ikunu *in stock.*

Il-Kunsillier Dr Christian Żammit semma li it-tabella li hemm faċċata tal-*Playing Field* għandha bzonn tittranġa għaliex issa krieħet. Il-Kunsill qabel li għandu jsir it-tiswija li hemm bżonn.

Il-Kunsillier Dr Christain Żammit staqsa dwar il-laqgħa li saret il-MUESEC dwar il-proġett tal-landscaping li hemm allokati €50,000. Is-Sindku informa lill Kunsill li

iltaqgħa mal perit biex dawn il-flus jintuzaw ghal *embellishment* tal-Pjazza, liema xogħol ser jiġi jiswa madwar €80,000 (skond l-istima li għamel il-perit)

Il-Kunsillier Dr Kevin Cutajar staqsa jekk iz-zebra crossings humiex ser ikunu parti mill-progett. Is-Sindku qal li l-perit għandu joħroġ il-pjanti differenti minn dawk li kienu ġew imdaħħla il-MEPA għall approvazzjoni għax dawn kienu sabu xi oggezzjonijiet. Issa ser issir pjanta oħra li ser ikun hemm iz-zebra crossings jidhru fuqha.

Il-Kunsillier Dr Kevin Cutajar irrimarka li minflok tabella ta Stop fi Triq San Marzjal kif kien miftiehem, il-Kunsill qabel li isir Go Slow.

Il-Kunsillier Aaron Agius semma ukoll li hemm barrier fi triq ir-Ramla li għadha ma ittrangatx. Is-Sindku informa lill-Kunsill li din ser tiġi irrangata minn Eco Gozo.

Il-Kunsillier Aaron Agius irrimarka li irridu naraw dwar il-kwistjoni tad-deposit tat-trakkijiet tal-ikel. Il-Kunsill qabel li għandu jintalab parir legali minn għand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

**Komunikazzjoni tas-Sindku**

1. Is-Sindku semma li wara li is-Segretarju Ezekkutiv għamel rendikont ta' l-ispejjez tal-Attivita' ta' Xagħra Rocks jidher li l-ispiza telgħet għal madwar €28,000 u għad jonqos xi kontijiet ta xi affarijiet. Il-Viċi Sindku Aaron Agius semma li ma jaqbilx mal-fatt li it-tfal li ser jieħdu sehem f'din l-attivita' għandhom iħallsu tal-kostum. Is-Sindku qal li intlaħaq ftehim li il-Kunsill iħallas id-drapp u il-parteċipanti ġew imħajjra li jħitu il kostum.

   Il-Viċi Sindku Aaron Agius qal ukoll li il-*patching* fuq il-poster ma ġiex sabiħ u jekk kien hemm bzonn li ikun hemm aktar informazzjoni messa ġiet imnizzla qabel. Il-Kunsillier Dr Christian Zammit qabel li kien aħjar li il-posters ma ġewx imraqqa.

   Kien hemm qbil ukoll illi jsiru l-arrangamenti alternativi għal finijiet ta aċċess minn Triq Jannar għal Pjazza.

2. Is-Sindku informa lill-Kunsill li iż-żjara mat-tfal ta' Dun Gwann Sultana ser issir nhar il-Ġimgħa li gejja.

3. Is Sindku staqsa dwar minn jixtieq jilqa' lis-stedina mingħand il-commune ta' San Michele Salertino biex jagħmlu żjara hemmhekk. Il-Kunsill qabel li ser jitilgħu il-Kunsilliera Dr Christian Zammit, Dr Joseph Attard, is-Sur Victor Zammit u is-Sinjorina Maria Grima. Il-Kunsill qabel li għandu jmur ukoll is-Segretarju Ezekkutiv ma dawn il-Kunsilliera. Il-Kunsill iddeċċida li għandhom jiġu iċċekjati il-prezzijiet tal-biljetti mar-Ryan Air, Air Malta u Alitalia.

4. Is-Sindku semma is-seminar ta l-immigrazzjoni li ser isir fl-Isveżja. Il-Kunsilliera Dr Christain Zammit u Dr Joseph Attard ikkonfermaw li kienu ser jmorru, għalhekk għandom jibbukkjaw mill-aktar fis. Is-Sindku issuġġerilhom li jagħmlu kuntati mas-Sur Andrew Galea Debono.

   Il-Kunsillier Dr Christian Zammit semma il-konferenza li għandha isseħħ f'Marzu f'Għawdex. Huwa semma il-bzonn li inġibu ftit *qoutations* tal-lukandi fejn nistgħu intellgħu il-konferenza.

5. Il-Kunsillier Dr Kevin Cutajar semma li huwa kellu il-laqgħa ma Dr Rudolph Rogonesi kif kien mifthiem fil-laqgħa preċedenti u qal li jaħseb li tkun ideja tajba li il-Kunsill jagħmel laqgħa miegħu. Il-Kunsill iddeċċida li ser isir laqgħa u għandu jagħmel l-appuntament is-segretarju.

Il-laqgħa ġiet sospiza minħabba laqgħa mas-Sur Angelo Bonello l-organizzatur ta'Xagħra Rocks...Sacred or Profane? Il-ħin kien is-7:15 pm

Il-laqgħa reġgħet bdiet fit-8:20 pm

6. Is-Sindku semma il-fatt li żdidu ħafna ilmenti dwar il-ħrug taż-żibel. Il-Kunsill qabel li għandna ngħidu lill-Warden biex idur id-djar biex jinforma lir-residenti li dan mhux suppost isir.

7. Is-sindku informa lill-Kunsill li għandha issir laqgħa ma Road Construction Ltd, dwar ir-rekonstruzzjoni ta' Triq Marsalforn. Il-Kunsillier Christian Żammit fakkar lill-Kunsill li f'dik it-triq hemm problema kbira ta' għargħar.

   Il-Kunsillier Dr Kevin Cutajar qal li l-għargħar kien iddevjat għal ġol wied tal-Pergola. Huwa issuġġerixxa ukoll li qabel ma jibda' ix-xogħol għandha issir laqgħa mar-residenti ta' Triq Marsalforn flimkien ma' Road Construction. Il-Kunsill qabel li din għandha issir u iddeċċida li jerġa jiddiskuti din lt-tema fil-laqgħa li imiss.

8. Is-Sindku informa lill-Kunsill li huwa ġie ikkuntatjat minn Heritage Malta dwar il-passaġġ li jwassal għall-bajja ta' Għajn Barrani. Heritage Malta qalu li il-fatt li hemmhekk kien hemm għajn tal-ħasselin fl-imgħoddi hija ta importanza storika u għalhekk offrew l-għajnuna biex jerġa jinfetaħ il-passaġġ li jwassal għal bajja ta' Għajn Barrani. Il-Kunsill qabel li għandu isir kollaborazzjoni sħiħa dwar dan.

   Il-Viċi Sindku Aaron Agius irrimarka li għandna ukoll niddiskutu jekk nistgħux nikkolaboraw ma' Heritage Malta fuq il-kappella ta' Maria Guardiorium li l-fdalijiet tagħha jinsabu fl-inħawi ta' Triq Gajdoru. Il-Kunsill qabel li dan għandu isir.

9. Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-istima tal-*culvert* li għandu jsir fi triq il-Knisja in-naħħa tar-residenza ta Jessie Mercieca hija ta' €11,500. Il-Kunsill qabel li għandu jinħareg tender.

10. Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-istima ta xogħolijiet biex jitranga l-inħawi ta Triq Srug ħdejn il-*pitch* tal–boċċi. Jekk nużaw kuntrattur jiġi madwar € 8,000. Jekk nużaw il-ħaddiema tal-Kunsill, jiġi madwar € 6,500. Il-Kunsill iddeċċida li nagħmlu ix-xogħol bil-ħaddiema tal-Kunsill. Il-Kunsillier Dr Kevin Cutajar staqsa jekk il-*concrete* hux b'saħħtu biżżejjed għax is-sies qiegħed jaqta. Is-Sindku qal li ser jkellem lil Perit dwar dan.

Il-laqgħa ġiet sospiża minħabba laqgħa mas-Sur Joe Louis Sciberras l-organiżżatur tal-attivita FESTA ZAGHZAGH. Il-ħin kien id-9:45 pm

Il-laqgħa reġgħet bdiet fit-9:55 pm

11. Is-Sindku semma li għandhom isiru business cards għall-membri tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li dan għandu isir.

**Qari tal-Korrispondenza u lmenti mir-residenti**

1) *E-mail* mingħand Christiana Pace, Education Officer, Dogs Trust Malta fejn toffri interactive workshops għat tfal u għal kbar, fejn dawn ikunu jistgħu jitgħallmu jieħdu ħsieb il-pets. Il-kunsill iddeċċida li għandha tiġi ikkuntatjata għal izjed dettalji.

2) *E-mail* mingħand il-kunsillier Dr Kevin Cutajar dwar il-laqgħa li għamel ma Dr Rudolph Rogenesi tal-Gaia Foundation. Dr Cutajar informa lill Kunsill li huwa ser jipproponi laqgħa bejn il-Kunsill u Dr Ragonesi. Il-Kunsill innota li din ġiet deċiza aktar kmieni fil-laqgħa.

3) *Memo 32/12* mingħand Carmel Abela, Direttur, dwar Korsijiet Għall-Adulti *(Lifelong Learning Classes)* fejn jitlob li il-Kunsill Lokali jikkopera mal-pubbliku billi jagħtu b'xejn il-*prospectus*, jitwaħħlu l-*posters* u l-impjegati tal-Kunsill jgħinu lir-residenti japplikaw *on-line* għal dawn il-korsijiet. Il-Kunsill innota l-kontenut.

4) *E-mail* mingħand Federica Sottile, EU Project Manager, minn A Rocca Art Cult. Ass., dwar jekk hemmx interess li jsir study visit fl-Italja. Il-Kunsill għandu ifittex aktar informazzjoni.

5) *Memo 33/12* mingħand Carmel Abela, Direttur, dwar Użu Sostenibbli tal-Pestiċidi fejn jagħmel referenza għal Direttiva 2009/128/KE u għall-Avviż Legali Numru 489 tal-2011 (regolamenti dwar l-Użu Sostenibbli tal-Pestiċidi). L-użu tal-pestiċidi għandu jkun minimiżżat jew ipprojbit f'ċerti żoni u min juża dan il-bexx għandu ikun liċenzjat minn għand il-MCCAA. Il-Kunsill innota l-kontenut.

6) *E-mail* mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali dwar il-Konferenza Proġett TICTAC. L-għanijiet ta' dan il-progett huma: Għarfien dwar *Active Citizenship*, Tfassil ta' *good practices* dwar il-programm *Europe for Citizens,* Użu ta djalogu interkulturali u l-għanijiet tal-UE għas-sena 2020. Għalhekk ser issir Konferenza ġewwa d-Dolmen Hotel, Qawra bejn id-29 u 31 ta' Ottubru. Il-Kunsill għandu ifittex aktar informazzjoni.

7) *E-mail* migħand Maria Mallia, mill-MEPA Communications Office dwar laqgħa fuq l-*industrial emissions*. Il-laqgħa ser issir ġewwa il-MEPA boardroom Floriana, nhar it-Tlieta 31 ta' Lulju. Il-Kunsill innota l-kontenut.

8) *E-mail* mingħand Mark Causon, EU Affairs Consultant/Director, fejn jagħti summarju ta' progett possibli li nistgħu napplikaw għalih taħt il-life+ dwar il-problema tal-għargħar. Huwa jissugerixxi li nagħmlu laqgħa biex niddiskutu izjed. Il-Kunsill għandu ifittex aktar informazzjoni.

9) Ittra mingħand Josette Camilleri, Koordinatur tal-Proġett, minn Aġenzija Żgħażagħ dwar il-proġett Kunsilli Lokali Żagħżagħ, fejn żagħżagħ mil-lokalita tax-Xagħra jattendu seminar ta' taħriġ. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu sat-30 ta'Awissu. Il-Kunsill għandu ifittex aktar informazzjoni.

10) Ittra mingħand M'Anne Sultana, f'isem il-Kumitat Fund Raising tal Festa Marija Bambina Xagħra, fejn titlob li issir attivita' flimkien mal-Kunsill fil-Misraħ Vittorja. Il-Kunsill iddeċċida li għandna nimxu fuq l-istess binarji tas-sena l-oħra.

11) *E-mail* mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali dwar l-inizjattiva msejjħa *Borghi Piu Belli d'Italia e Malta.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

12) *E-mail* mingħand Louis Cox, organiżżattur tal-grupp muzikali *Voodoo Gurus* biex jinforma lill-Kunsill li ser idoqqu fil-Pjazza fl 14 ta' Settembru, għal prezz ta' €250. Il-Kunsill qabel ma dan.

13) Ittra mingħand Joseph Bajada, Segretarju tas-Soċjeta Filarmonika *Victory* biex il-Programm li ser isir it-Tlieta 4 ta' Settembru ikun taħt il-Patroċinju tas-Sindku

tax-Xagħra. Huwa talab ukoll li dan il-programm ikun b'kollaborazzjoni mall-Kunsill u jitħallsu parti mill–ispejjeż li jammonta għal €600. Il-Kunsill qabel li t-talba tiġi accettata.

14) *E-mail* mingħand George Bonello, Leader ta' Verna Folk band fejn jiklarifika l-ammont li qiegħed jintalab huwa ta' €500 minn ammont globali ta €1010. Il-Kunsill qabel li l-ammont li ser ikopri huwa ta €250.

15) Ittra mingħand Joe Louis Sciberras tax-Xagħra Youth Centre, fejn jitlob li flimkien mall-Kunsill jorganizzaw FESTA ZAGĦZAGĦ fil-19 ta' Awissu. Il-Kunsill qabel li dan isir b'*budget* ta €300.

16) Ittra mingħand Elaine Żarb fejn titlob li isir tieġ ċivili fil-ġnien tal-Calypso Cave fis-7 ta Settembru fil-5:30 pm. Titlob ukoll li il-ġnien jingħalaq għall-pubbliku matul iċ-ċeremonja. Il-Kunsill qabel li t-talba tiġi aċċettata.

**Ilmenti**

1) Ilment mingħand Francis Gafa, li joqgħod 36, Triq Marsalforn sabiex jittranġa ħajt imwaqqa fi Triq l-Għezien. Il-Kunsill iddeċieda li x-xogħol isir.

2) Ilment mingħand Emmanuel Mizzi ta' 12, Triq Masri, sabiex jittranga ħajt imwaqqa' fi Triq l-Għezien fil-wied. Il-Kunsill iddeċieda li x-xogħol isir.

3) Ilment imressaq minn Anthony Refalo li joqgħod, Martone House, Triq Mikiel Farrugia biex jinbena ħajt imwaqqa fl-inħawi ta' Għajn Lukin. Il-Kunsill iddeċieda li x-xogħol isir.

4) Ilment minn Maryanne Theuma, li toqgħod NB, Triq Komittiva biex isir *patching* bis-siment fi Triq il-Kumittiva peress li qed ikun hemm ħafna trab. Il-Kunsill iddeċieda li x-xogħol isir.

5) Ilment imressaq mill-Kunsillier Dr. Kevin Cutajar f'isem xi residenti ta' Triq Bertrija u ta' Triq Liberat Grech sabiex isir knis bil-magna biex jiġbor iż-żrar u t-trab li hemm minħabba il-patching li kien sar. Il-Kunsill iddeċieda li x-xogħol isir imma nistennew sakemm it-tarmac joqgħqod.

6) Ilment minn Victor Sultana ta' 134, Triq Bullara, fejn qed jitlob biex isir estensjoni tas-sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar li saru riċentament quddiem l-isqaq fejn joqgħod hu. Il-Kunsill qabel li għandu jiġi ivverifikat li mhux ser ikunu quddiem residenzi oħra.

7) Talba mingħand Anthony Formosa ta' Anthnick, Triq l-Ispiera sabiex titranġa r-rampa ta' quddiem ir-residenza tiegħu. Il-Kunsill iddeċieda li x-xogħol isir.

8) Ilment mingħand Jesmond Farrugia is-sid taż-Żajbra Snack Bar & Pizzeria biex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar jew sinjal ta' loading/unloading quddiem ir-restaurant tiegħu fi Vjal it-8 ta' Settembru. Il-Kunsill qabel li dan l-ilment għandu jintbagħat lil-Transport Malta.

9) Talba mingħand l-arcipriet Carmelo Refalo sabiex il-kaxxa tal-parking quddiem il-garaxx tad-dar tiegħu fi' Pjazza l-Vittorja tinzebagħ safra ħalli ma jsirx parking hemmhekk peress li-mhux qed ikun hemm aċċess adekwat għar-residenza tiegħu. Il-Kunsill qabel li dan l-ilment għandu jintbagħat lil-Transport Malta.

10) Ilment mingħand Teddy Refalo li joqgħod Ta' Kalanġ, Triq Gnien Imrik sabiex urgentament jitranga ħajt li qed jieħdu l-ilma fl-inħawi ta'Għajn Xejba. Il-Kunsill iddeċieda li x-xogħol isir.

11) Ilment mingħand Giovann Bugeja li joqgħod 36, Triq Jannar fejn jitlob li ħofra fit triq quddiem tiegħu tiġi irrangata. Il-Kunsill iddeċieda li x-xogħol isir.

12) Talba mingħand Carmen Bajada, ta' Marlaw, Vjal 8 ta' Settembru sabiex titranga il-bankina quddiem ir-residenza tagħha. Il-Kunsill iddeċieda li x-xogħol isir.

13) Ilment mingħand Jessie Mercieca, ta' 13, The Eagle and The Falcon, Triq il-Knisja fejn iggedded it-talba tagħha sabiex isir culvert matul Triq il-Knisja biex ittaffi l-problema tal-għargħar f'din it-triq. Il-Kunsill qabel li għandu jinħareġ tender.

14) Ilment imressaq mis-Sindku Joe Cordina f'isem xi residenti, sabiex jinbena ħajt maġenb iċ-ċimiterju ħalli ma jintefax żibel fl-inħawi. Il-Kunsill iddeċieda li x-xogħol isir.

15) Ilment imressaq minn xi residenti sabiex jitranga ħajt tas-sejjieħ li qed jaqa' ħdejn Ta' Pulitos Restaurant fi Triq Marsalforn. Importanti ħafna li dan il-ħajt jitranga fl-iqsar żmien possibli peress li qiegħed jiddeterjora. Il-Kunsill iddeċieda li x-xogħol isir.

16) Ilment mingħand Pawlu Xerri li joqgħod 'Valley View', Triq Sant'Anton, sabiex jitranġa l-Wied ta' Gerxija fil-limiti tax-Xagħra. Il-Kunsill iddeċieda li x-xogħol isir.

17) Ilment mingħand David Attard, li joqgħod 84, Pjazza Vittorja fejn jinsisti li quddiem id-daħla tar-residenza tiegħu ma jitpoġġewx imwejjed u il-passaġġ jibqa *clear* fl-attivita' ta Xagħra Rocks. Il-Kunsill innota' dan l-ilment.

18) Talba minn Francis Mercieca ta' 'Francon', Triq Bambina, sabiex jissewwa l-logħob tat-tfal li hemm fil-ġnien ta' quddiem il-Mitħna ta' Kola wara li allegatament xi nies kissru xi logħob milli kien hemm. Il-Kunsill iddeċieda li x-xogħol isir.

19) Talba mingħand William Sultana biex tittranga ir-rampa u il-bankina tad-dar ta' missieru fi Triq Mannar. Il-Kunsill iddeċieda li x-xogħol isir.

20) Ilment mingħand il-Viċi Sindku Aaron Agius sabiex titnaddaf Triq it-Tafal fl-inħawi tas-Sruġ peress li hemm ħafna żrar. Il-Kunsill iddeċieda li x-xogħol isir.

21) Ilment mingħand Francis Borg dwar l-isqaq li hemm fi Triq Jannar faċċata tar-residenza 'Sacre Coeur'. Ir-resident qed jgħid li hemmhekk hemm ħafna ħaxix li qed jiżboq mir-residenza ta' wieħed Ġermaniż li hemm jgħix hemmhekk. Ir-resident qed jitlob lill-Kunsill sabiex javviċina lil dan ir-resident u jgħidlu biex jaqta' dan il-ħaxix ġaladarba jinsab ħiereġ fit-triq mir-residenza privata tiegħu. Il-Kunsill iddeċċida li għandu jiġi ikkuntatjat ir-resident.

22) Il-Kunsillier Victor Zammit semma li fi Triq Sansuna, it-trakk li jiġbor iz-zibel mhux qiegħed jasal sat-tarf tat triq. Il-Kunsill qabel li għandu jiġi ikkuntatjat il-kuntrattur.

23) Il-Kunsillier Victor Zammit semma li fi Triq Xerri's Grotto hemm ħofra fit-triq fejn saret il-*culvert* riċentament. Il-Kunsill qabel li l-Perit għandu jiċċekkja.

24) Il-Kunsillier Victor Zammit semma li hemm minn qiegħed jerħi l-ilma ħiereg fil-*playing field*. Il-Kunsill qabel li għandu jiġi ikkuntatjat it-technician tas-cctv.

25) Il-Kunsillier Dr Kevin Cutajar semma li hemm minn qiegħed jipparkja fil-kantuniera ta' bejn Vjal 8 ta Settembru u Triq Maria Bambina u dan qiegħed ikun ta periklu. Il-Kunsill iddeċċieda li ngħaddu dan il-kaz lil-Pulizija.

26) Il-Kunsillier Dr Kevin Cutajar ressaq ilment f'isem xi residenti li hemm problema ta' Parking fi Triq Masri u problema ta *Parking* ta' trakkijiet taż-żibel. Il-Kunsill qabel li sakemm ma jinkisrux liġijiet ma tantx hemm x'jista isir għalkemm xorta ser jiġi ikkuntatjat is-sid tat-trakkijiet.

27) Is-Sindku Joseph Cordina semma li hemm bżonn isiru bozzoz ġodda fit-toroq ġodda li hemm fi Triq Għajn Qamar. Il-Kunsill qabel li dawn isiru.

28) Is-Sindku Joseph Cordina semma ukoll li hemm bżonn tinżabaħ *Give Way* fil-kantuniera ta' Triq l-Ispiera u Triq il-Knisja. Il-Kunsill qabel li ix-xogħol għandu isir.

**Aprovazzjoni tal-Pagementi**

Il-Kunsill approva unanimament il-pagamenti annessi mal-minuti.

**Data għall-Laqgħa Oħra**

Il-laqgħa spiccat fil-10.00 p.m. Il-Kunsill iddeċċieda li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ħamis, 16 ta' Awissu, 2012 fis-5.30p.m.

| | |
|---|---|
| **Joseph Cordina** | **Mark Formosa** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |